


APRIL 2018 - ĠUNJU 2018

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**L-Importanza tal-Attendenza fl-Iskola**

Dan l-aħħar irċevejt statistika tal-figura tal-assentejiżmu annwali tal-istudenti fl-iskola tagħna. Il-figura kienet taqra 15% li tikkonsisti f'madwar 4% ċertifikati ta' mard, 4% noti ta' ġustifikazzjoni u 8% assentejiżmu mhux ġustifikat. Din il-figura titqabbel sew mal-medja nazzjonali tal-iskejjel sekondarji statali. Madankollu, titwila lejn il-figuri u mhux il-perċentwali iġegħluk taħseb, tinkwieta u tħokk rasek biex issib mezz kif dawn il-figuri jonqsu.

15% assentejiżmu jissarrfu f'16,667 ġurnata ta' skola li ntilfu minn ħalq l-istudenti tagħna; 4,000 b'ċertifikat mediku, 5,000 b'nota ta' ġustifikazzjoni u 7,500 assentejiżmu bla ġustifikazzjoni. Ras għal ras is-700 student fl-iskola tagħna tilfu 20 ġurnata skola jew 13% tas-sena skolastika!

Irridu nfakkru li kull student għandu dritt u dmir li jiġi l-iskola. Kull student għandu dritt jitgħallem - għalhekk jeżistu l-iskejjel sbieħ mgħammra b'kollox u għalhekk jeżistu l-għalliema. Kull student għandu dmir lejn l-investiment kbir li l-Istat investa fih. Kull ġenitur għandu dmir jibgħat 'l uliedu l-iskola u dmir lejn it-taxxi li nikkontribwixxu lkoll flimkien biex isir l-investiment fl-edukazzjoni.

Il-problema tal-assentejiżmu hija kumplessa ħafna. Hija relatata ma' problemi soċjali, mal-ħajja ġol-iskola, kif ukoll mal-kultura u t-trobbija tal-ulied. L-amministrazzjoni, l-ghalliema tal-*guidance* u t-tim psiko-soċjali tal-Kulleġġ, naħdmu bla heda sabiex ngħinu studenti li huma jew il-familji tagħhom ikunu għaddejjin minn mument diffiċli u nħeġġuhom jiġu l-iskola regolari. L-amministrazzjoni u l-istaff kollu qed nagħmlu ħilitna kollu sabiex noffru ġol-iskola ambjent li jilqgħek, li jġiegħlek tħossok komdu u li tieħu pjaċir tiġi l-iskola. Qed noffru programmi edukattivi li jolqtu lil kulħadd.

L-iskola iżda m'għandhiex kontroll fuq il-kultura u t-trobbija tal-ulied. Ġenituri jkellmuna

*...kompli fuq paġna 2*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 2598 4400, 2598 4414
✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com

# EDITORJAL



Fost il-qwiel Maltin li għaddewlna missirijietna, għandna l-qawl "kull mibdi, mitmum". Kull ħaġa li nibdew, xi darba ser tispiċċa, ser tasal fi tmiemha ... l-istess bħalma waslet fi tmiemha din is-sena skolastika. Iżda se nħalluha tispiċċa u tgħaddi mar-riħ qisu qatt ma kien xejn? Jew se nibnu fuqha, inżommu t-tajjeb li ħadna, u nirranġaw u nitgħallmu mill-ħażin li għamilna jew ġralna?

Biex titla' tarġa 'l fuq trid tuża l-forzi kollha ta' ġismek. Biex tibni sular ieħor, jeħtieġ li ta' qablu u l-pedamenti jkunu b'saħħithom. Mela biex din is-sena skolastika li għaddiet ma tisfax fix-xejn, jeħtieġ li tul dan is-sajf ma nittraskurawx u nsibu ftit ħin kuljum biex naqraw u nirrevedu dak li tgħallimna. Naqraw mhux biss kotba bil-Malti u bl-Ingliż imma naqraw ukoll bil-lingwi l-oħra li nistudjaw għax wieħed mill-modi biex tibqa' tiftakar lingwa huwa billi taqraha ta' spiss. Barra minn hekk, m'għandniex ninsew nirrevedu s-suġġetti l-oħra li nitgħallmu dwarhom l-iskola.

Apparti minn hekk, jeħtieġ li fi żmien il-vaganzi nqassmu l-ħin sew u nsibu ħin ukoll biex ingawdu l-bajjiet sbieħ li aħna mdawrin bihom bħal dawk ta' Wied iż-Żurrieq, il-Bajja s-Sabiħa f'Birżebbuġa, u l-bajja pittoreska ta' Għar Lapsi.

Ta' min isemmi li tul dawn il-ġimgħat ta' mistrieħ importanti nagħmlu xi tip ta' sport għax dan jgħinna biex nibqgħu attivi u ma nintelqux. Mod ieħor ta' kif nistgħu nqattgħu l-ħin tas-sajf b'mod utli huwa billi ngħinu f'xi għaqda permezz tal-volontarjat. Żgur li fir-raħal fejn tgħix int hemm xi għaqda li titmexxa minn nies li joffru ħafna minn ħinhom għal ħaddieħor. Ċert li esperjenzi bħal dawn jgħinuk tikber fil-karattru u fil-kwalitajiet pożittivi tiegħek.

U tal-aħħar ... jekk "kull mibdi, mitmum", żgur li kull tmiem iġib miegħu bidla. Jalla din is-sena skolastika li għaddiet ħalliet fik bidla pożittiva, bidla għall-aħjar ... bidla li tgħinek tikber u timmatura aktar biex tkun ċittadin responsabbli fis-soċjetà li qed tgħix fiha llum.

*Is-Sur F. Bonello*
Għalliem tal-Malti

*...ikompli minn paġna 1*

dwar kif uliedhom baqgħu reqdin wara lejl jilagħbu l-*playstation*, ġenituri li jistaqsuna biex isiefru mat-tfal tagħhom waqt l-iskola u mhux waqt il-btala sempliċiment għax il-vjaġġi jkunu irħas, oħrajn għax ġejja l-festa u wliedhom qed jgħinu fl-armar jew għax ħarġu għall-kaċċa u elf skuża oħra. Huma l-ftit ġranet nieqsa tal-ħafna li jagħmlu l-figuri allarmanti li semmejt qabel. Meta mbagħad il-ftit ġranet isiru ħafna il-problema tal-assentejiżmu ssir ċirku vizzjuż. Dak l-istudent li dera ma jiġix l-iskola, jħossha diffiċli jerġa' jintegra ma' sħabu. Il-lezzjonijiet ikunu baqgħu għaddejjin u jħossu ħuta barra mill-ilma. Li ma tiġix l-iskola jsir mezz biex ma tħossokx skomdu.

Il-ħela mhi tajba għal ħadd. Jien konvint li bl-isforz u r-rieda tajba ta' kulħadd naslu mhux biss li ntejbu l-figuri li qsamt magħkom iżda li nieħdu iżjed minn dak li għandna għad-dispożizzjoni tagħna.

*Is-Sur M. Bondin*
Kap tal-Iskola

# JOYFUL JOYFUL



Min-nofs Marzu sal-aħħar ta’ April kienu ġranet impenjattivi immens għall-istudenti li jattendu l-kors fil-*Performing Arts* fl-iskola tagħna. Wara l-pantomima *It-3 Muskettieri?* fi żmien il-Milied u l-produzzjoni dwar id-diversità *B.U. – Be Yourself* fil-bidu ta’ Marzu, kien imiss li tibda t-tħejjija għall-produzzjoni li *Benedittu Productions* itella’ għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni.

Din is-sena l-għażla waqgħet fuq *Joyful Joyful*, *musical* li huwa bbażat fuq iż-żewġ films ta’ *Sister Act* li ħarġu fis-snin 90. Il-kantanta Deloris sfat xhud ta’ qtil u sabiex tingħata protezzjoni, il-pulizija daħħluha tgħix f’kunvent mas-sorijiet. Għall-ewwel din il-biċċa tax-xogħol ma tantx niżlet tajjeb mal-kantanta. Madanakollu, wara li ħadet f’idejha t-tmexxija tal-kor, din it-tip ta’ ħajja bdiet togħġobha. Tant hu hekk li meta ġiet mitluba biex tieħu l-irwol ta’ għalliema tal-mużika fi skola li kienu jmexxu s-sorijiet, aċċettat din l-isfida u ħadmet qatigħ. Fil-fatt, l-istudenti li kienu fdati lilha, irnexxielhom jirbħu konkors tal-korijiet.




It-52 student u studenta li taw sehemhom fuq il-palk flimkien ma’ madwar 30 student u studenta oħra li għenu minn wara l-kwinti, ħadmu bla heda biex minkejja ż-żmien qasir li kien hemm, xorta waħda rnexxielhom itellgħu produzzjoni ta’ livell bħalma dejjem kellhom. Qattajna ħinijiet twal wara l-ħin tal-iskola u fil-*weekends*, sabiex naċċertaw li kull min jiġi jarana ma joħroġx diżappuntat.
Il-kummenti sbieħ li rċevejna fuq il-paġna tal-*Facebook* tagħna, *Benedittu Productions,* jimlewna b’sodisfazzjon u kuraġġ biex nerġgħu nibdew il-preparamenti għall-produzzjoni li jmiss...il-pantomima tas-sena d-dieħla.

*Benedittu Productions*

# ARA, AĦSEB, AGĦŻEL







Tliet stejjer. Drama li tirrifletti l-ħajja. L-istejjer ta' Shania, Rue u Stewart.

F'April l-istudenti tad-disa' sena kellhom iċ-ċans jaraw drama mtella' minn grupp ta' għalliema mid-*Drama Unit*. Dawn l-għalliema kull sena jippreparaw drama b'tema li tolqot liż-żgħażagħ u din id-darba kien imiss li jitkellmu fuq is-suġġett tal-abbuż mid-droga. Wara li l-atturi ħadmu l-parti tagħhom fuq il-palk kien imiss lill-istudenti tagħna li jitkellmu u jiddiskutu mal-atturi fuq l-istejjer li raw.

**Min hi Shania?** Shania hi studenta fis-sekondarja li għaddejja minn żmien diffiċli. Fl-iskola ma tantx sejra tajjeb u r-riżultati tal-eżamijiet kienu ta' diżappunt għaliha u għal tad-dar. Biex tgħaxxaqha xi tfal mill-iskola qed jaqbdu magħha fuq il-midja soċjali, qed idaħħlulha ħafna flieles f'moħħha u lsienhom mhux taz-zokkor. Mhix ħelwa u interessanti biżżejjed... "dan kif l-għarus għadu magħha? Għajnejh mhux f'wiċċu? Mela ma jafx x'inhu jagħmel jew?" Insomma, kollox żmerċ sejjer dan l-aħħar u d-dwejjaq li qed ikollha huma kbar. Missier Shania induna li l-imġiba tagħha qed tinbidel. Lanqas jista' jkellimha għax mill-ewwel taħtfu u l-ħin kollu msakkra f'kamritha. Prova jitkellem ma' bintu imma din bħal bniet ħajt madwarha u mhu qed tħalli lil ħadd jersaq viċin tagħha. X'għażlet Shania? Li toħroġ mal-ħbieb u ma toqgħodx taħseb fuq dawn l-affarijiet. Għandha bżonn tinsa, imqar għal ftit! Kieku tiltaqa' mal-ħbieb ma fiha xejn ħażin. Imma l-kumpanija li kienet qed tagħmilha magħha kienu nies li tista' ssejħilhom ħbieb? Shania sabet persuna li nkwetat ftit għaliha, imma sabet ukoll nies li approfittaw mis-sitwazzjoni tagħha, raw ċans fejn jaqilgħu l-flus u, avolja rawha xurbana, tawha wkoll xi drogi oħra. U ġietha ħażin! Sfortunatament id-deċiżjoni li ħadet Shania biex taljena ftit mill-problemi li kellha fuq moħħha wassluha biex tilfet ħajjitha.

**L-istorja ta' Rue.** Rue hu żagħżugħ li sa ftit ta' żmien ilu kien mimli b'ħafna enerġija. Illum rajnieh differenti. Fuq siġġu tar-roti u bla aptit ta' xejn. Għalfejn din il-bidla? Rue kien żagħżugħ bħal ħafna oħrajn. Iħobb joħroġ u jiddeverti. Imma meta jmur xi *party* ma' sħabu biex jiddeverti kien jieħu l-*ecstasy*. Ħafna kienu jeħduha u qatt ma ġara xejn. Sakemm ġara... Tfajla mill-klikka tagħhom ħadet l-*ecstasy*, intilfet minn sensiha u mietet. Qatt ma kienet ippruvatha u lanqas biss riedet tieħu. Ma riditx tkun l-unika waħda fil-grupp li ma tippruvax u għalhekk ċediet. Meta indunaw li mietet inħoloq paniku kbir u telqu jiġru. Ma ridux jirriskjaw li jiġu l-pulizija u jidħlu fl-inkwiet huma. Saqu taħt l-effett tad-droga u kienu involuti f'inċident tat-traffiku. In-nies li kienu miegħu tilfu ħajjithom u hu spiċċa hekk. Illum Rue ma jistax jieqaf jaħseb fuq li ġara, fuq in-nies li mietu, fuq il-futur tiegħu issa li hu pparalizzat. Kif seta' qatt ikun daqshekk iblah?

**It-tieni ċans għal Stewart.** Lil Stewart ma rajniehx fuq il-palk, però smajnieh f'intervista. Ma stajniex narawh għax bħalissa qiegħed San Blas jagħmel programm ta' ri-abilitazzjoni biex joħroġ mill-vizzju tad-droga. Kien jaħseb li jista' jieqaf

meta jrid hu. Li hu b'saħħtu aktar mid-droga. Imma malajr skopra li d-droga tikkontrollak hi u mhux bil-kontra. Issa wasal biex jerġa' jibda ħajtu mill-ġdid u għalkemm iħossu kburi li rnexxielu jegħleb ħafna mumenti diffiċli, il-biża' li jerġa' jaqa' fil-vizzju hemm tibqa'. It-tieni ċans mhux se jkun faċli. Hemm barra hemm it-tentazzjonijiet, in-nies li kienu jbiegħulu d-droga hemm għadhom, ir-reputazzjoni ħażina li għandu diffiċli biex jibdilha. Ħa jkun b'saħħtu biżżejjed li jsib soluzzjonijiet oħra meta jgħaddi minn mumenti diffiċli?





Id-diskussjoni fuq l-istejjer ippreżentati fuq il-palk ma waqfitx fis-sala iżda ħassejna li kien importanti li nkomplu nitkellmu f'aktar dettall mal-istudenti fil-lezzjonijiet tal-PSCD. Fi gruppi żgħar tkellimna fuq x'jistgħu jkunu r-raġunijiet li jwasslu persuna biex tieħu d-drogi, l-influwenza tajba/ħażina tan-nies li nagħmluha magħhom, l-istima li għandna tagħna nfusna, x'tista' tagħmel meta tkun għaddej minn żmien diffiċli u l-ħila li tgħid le u li żżomm 'il bogħod mill-perikli. Ħa nagħlqu b'kumment ta' studenta għall-mistoqsija li



għamilna fuq l-isem tar-rappreżentazzjoni li raw: **"Ara, Aħseb, Agħżel".** Ma setgħetx tispjegah b'mod aħjar. Fil-ħajja importanti li **tara** li tagħżel ħbieb tajbin, **taħseb** fuq il-konsegwenzi ta' kull ħaġa li tagħmel u **tagħżel** li tgħix iż-żgħożija tiegħek b'affarijiet interessanti u 'l bogħod mill-inkwiet.

*Id-Dipartiment tal-PSCD*

# VISIT BY DR SUSAN ROSS








During the second term, Dr Susan Ross, Public Affairs Officer at the U.S. Embassy in Malta, was the speaker at two sessions held at our school. She spoke about the poem "The Discovery" by JC Squire. These sessions were held as part of the U.S. Embassy School Outreach Program through which U.S. Embassy officers and other members of the American diplomatic community, visit schools in Malta and Gozo to speak to students about a variety of topics which are American-themed.

This scholastic year, we chose this topic as the poem "The Discovery" is currently part of the SEC Literature syllabus that the students in Year 10 Track 3 are following.  Dr Ross gave a presentation about the impact of the discovery of America on the native Indians. The students had the opportunity to discuss the poem from a different perspective. It was a great learning experience for the students who actively participated by asking a number of questions and by being engaged throughout the presentation. At the end of the session, Dr Ross donated a number of books to the school's newly set up Reading Corner.

*English Department*

# YEAR 9 & YEAR 10 BIOLOGY FIELDWORK



During the month of April 2018, the Biology department in our school organized two fieldworks: one for the year 9 students at Buskett and another for the year 10 students at Slugs Bay, Mellieħa. The aim of these fieldworks was for the students to move outside of the classroom and gain practical experience and knowledge through firsthand observation of a number of distinct Maltese habitats including the garigue, valleys and coastal areas. This provided the students with a unique opportunity to experience familiar environments in a very different setting.







During each fieldwork, a number of scientific techniques were used in order to study the habitat under investigation. One technique used was quadrat sampling which is a classic tool for the study of biodiversity. A series of 1 meter by 1 meter squares were placed in the habitat of interest and the species within the quadrats were identified and recorded. Quadrat sampling is suitable for sampling plants and small slow-moving animals. Other techniques used were line transect sampling, water analysis, soil analysis and litter surveys.

Fieldworks are an effective tool for students to acquire new knowledge whilst enjoying themselves in an outdoor setting. They also give the students the opportunity to become part of a research team, thus promoting a number of interpersonal skills such as leadership skills and the ability to work in a team, whilst enriching the students' self-confidence.

These year 9 and year 10 fieldworks were followed by a BBQ and a pizza night respectively, both held on the school premises. After a day of hard work, this was an opportunity for the participants to socialize, relax, play video games, eat good food and, most of all, to have fun.

A big thanks goes to the members of the staff who were crucial for the success of both activities.





*Mr M.L. Agius*
Biology Teacher

# TIFKIRA TA' JUM L-OMM

Grupp ta' tfal tad-disa' sena li qed isegwu l-kors tal-*Prince's Trust,* ħadu l-inizjattiva sabiex għal jum l-omm isir rigal sabiħ għall-okkażjoni. Huma ddeċidew li jsiru mħaded żgħar u dekorattivi b'messaġġ marbut mat-tema tal-omm ipprintjat fuqhom. Nista' ngħid li kellna rispons qawwi. Dawn it-tfal, bil-għajnuna tal-għalliem u diversi *LSEs*, ħietu u mlew l-imħaded, sar l-istampar u l-ħjata tal-*covers.* Dan il-proċess kollu sar fl-iskola tagħna stess permezz tal-apparat li jinsab fil-laboratorji tad-Disinn u t-Teknoloġija.




L-attività kienet suċċess u nġabret is-somma sabiħa ta' €350. Dawn ingħataw lis-santwarju tal-klieb *AAA* waqt ġurnata ta' volontarjat li l-istudenti għamlu hemm bħala parti mis-sillabu li jitlob li jridu jagħmlu xogħol fil-komunità.

# XOGĦOL FIL-KOMUNITÀ



Bħala parti mill-programm li l-istudenti tal-Prince's Trust qed isegwu, dawn iridu jagħmlu xogħol fil-komunità. Wara li fil-klassi ddiskutejna flimkien dwar x'jistgħu jagħmlu, l-għażla tagħhom kienet li jqattgħu ġurnata jaħdmu f'santwarju tal-annimali. Iddeċidejna li mmorru l-AAA (*Association for Abandoned Animals*) li dan l-aħħar kienet fl-aħbarijiet minħabba appelli għal ġbir ta' fondi biex jattrezzaw sit ġdid li għandhom.

Kien għalhekk ukoll li l-istudenti ħasbu li joħolqu attivitajiet waqt il-lezzjonijiet kif ukoll fil-*breaks* sabiex jiġbru fondi ħalli jippreżentawhom lil din l-assoċjazzjoni. Kien għalhekk li fi żmien ir-Randan ħmejna l-kwareżimal li donnhom niżlu għasel mal-istudenti u l-istaff tal-iskola għax dejjem inħatfu minnufih.

Ridna aktar fondi u għalhekk għal Jum l-Omm ħriġna bl-idea li nagħmlu mħaded żgħar b'messaġġ tal-okkażjoni. Grazzi għal dan, it-tfal tgħallmu xi ħaġa dwar il-ħjata, id-disinn u l-istampar. Ix-xogħol biex inħadmu l-imħaded sar ġewwa l-iskola stess. Nistgħu ngħidu li din l-inizjattiva kienet suċċess kbir.

Dakinhar li morna ngħinu fis-santwarju tal-annimali, kulħadd ħadem bla waqfien sabiex innaddfu, u nagħmlu xogħol ieħor li s-soltu jsir ta' kuljum min-numru żgħir ta' voluntiera. Ma setax jonqos li l-istudenti tagħna kellhom iċ-ċans li jilagħbu ftit ma' dawn il-klieb żvinturati li ġew abbandunati mis-sidien tagħhom.




Fl-aħħar kien ta' sodisfazzjon kbir għal dan il grupp ta' ħames studenti li jippreżentaw is-somma sabiħa li nġabret mill-bejgħ tal-imħaded sabiex dawn il-klieb ikollhom aktar faċilitajiet sbieħ u attrezzati fejn joqogħdu.

Bla dubju din kienet esperjenza mhux tas-soltu imma fuq kollox sabiħa ħafna.

*Is-Sur K. Scicluna*
Għalliem tal-Prince's Trust

# MATHS ACTIVITIES



Every year the mathematics department in our school organises a number of activities for our students such as the monthly competitions and Pi Day. This year, for the first time, we organised a venture for our students – setting for the first time a national record for the largest number of digits of Pi (π) ever recited or written from memory by a secondary school student.

Various students from Years 9 and 10 participated in this event. A good number of students made an effort to memorise as many digits of pi as possible, some of them taking the job very seriously by employing long hours on this task. The number of digits memorised by these students varied from a considerable 50 digits up to a stunning 600 and over! The finalists in this initiative had to recite the digits in front of the Malta Records judge. Juan Scerri, Costantin Catalin Alexandru, and Jerome Damato, all of them in Year 10, classified as finalists.




On the day, students had to recite or write all the digits of pi that they managed to memorise. The judge had to choose the best try out of three. One could definitely feel the pressure and stress the students had to face and yet they managed to do really well. The best result was obtained by Juan Scerri with 637 digits, making him the first student (and the first person) in Malta to set the record.

The other students still obtained a remarkable result where Costantin Alexandru placed second with 508 digits and Jerome Damato placed third, with 498 digits.

Another activity organised by the Maths department was the Maths Trail, this time for the CCP groups of Year 9 and 10. During this activity the students had to put maths into practise where they managed to work out all the given tasks. Some examples of the tasks included the search for symmetrical objects, measuring lengths and using compass directions.




Finally, one surely has to mention the exceptional results obtained by our students in the SuperTmatik international mental maths competition. Constantin Alexandru placed our school in the 2nd position, out

of 27,860 worldwide participants in his category (Year 10-11 students). He worked out 15 sums mentally in 53 seconds. The other results obtained by our students in this category were also remarkable and these were obtained by Xylon Borg and Luke Sultana, placing 51st and 82nd respectively. In the category for Year 9 students, Maria Spiteri obtained an exceptional 16th position; Liam Vella and Mariah Costa also obtained remarkable results where they placed 46th and 195th among 31,500 participants worldwide.






*The Mathematics Department*

# TISJIR MILL-QALB



F'din is-sena skolastika, l-iskejjel kollha li joffru s-suġġett vokazzjonali tal-*Hospitality*, kienu mistiedna jieħdu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-ktieb 'Tisjir mill-Qalb'. Flimkien mal-istudenti tar-raba' sena, sibna liema kienu l-ingredjenti li qed jintużaw l-aktar f'dawn iż-żminijiet. Meta ddeċidejna flimkien liema kienu dawn l-ingredjenti, sibna diversi riċetti ta' platti *starter*, ta' *main course* u ta' deżerta. Minn hemmhekk imbagħad ħadna ideat minn riċetti differenti u ffurmajna tliet riċetti ġodda. Dawn ir-riċetti ntbagħtu lill-organizzaturi fejn ġew iċċekkjati u kienu kollha magħżulin biex jiġu inklużi f'dan il-ktieb tar-riċetti tant popolari mal-Maltin.











L-istudenti kellhom esperjenza fil-klassi fejn kellhom struzzjonijiet minn qabel kif l-ikel jista' jiġi ppreżentat biex ix-xogħol tagħhom ikun ta' kalibru għoli. L-istudenti mbagħad kellhom iċ-ċans isajru u jippreżentaw dawn ir-riċetti fil-klassi, fejn tajna ħafna każ tal-preżentazzjoni u tal-estetika tal-platt. Meta waslet il-ġurnata tal-*photoshoot*, l-għalliema użat l-ideat tal-istudenti u ppreżentat l-ikel għal dan il-ktieb. Bl-għajnuna ta' *master chefs,* il-preżentazzjoni tal-ikel setgħet ġiet irranġata aħjar, però minħabba x-xogħol siewi li sar qabel mill-istudenti ma tantx kien hemm bżonn tibdil. Minn din l-esperjenza l-istudenti tgħallmu ħafna u żgur li din kienet esperjenza unika.

*Is-Sa J. Zammit*
Għalliema tal-Hospitality

# CASUAL DAY B'RISQ L-AAA



Fit-22 ta' Mejju l-iskola tagħna organizzat *Casual Day* b'differenza fejn it-tfal kellhom iħallsu €1 u jiġu l-iskola b'*gear* tal-futbol tat-tim favorit tagħhom. L-għan wara din l- attività kien li jinġabru fondi għall-Assoċjazzjoni tal-Annimali Abbandunati. L-iskola tagħna kienet l-ewwel skola li ħadet l-inizjativa li tagħmel attività biex jinġabru fondi wara ħafna appelli li saru fuq il-midja soċjali u l-aħbarijiet li l-assoċjazzjoni għandha bżonn fondi biex jibnu santwarju ġdid.







Association for Abandoned Animals

Bħalissa, is-santwarju tal-AAA jinstab il-Marsa fejn jieħdu ħsieb 100 kelb u sal-aħħar ta' Ġunju ħa jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom. Il-Gvern tahom il-post għal santwarju ġdid iżda għandhom bżonn madwar €50,000 ewro biex jibnu santwarju ġdid u jabitaw il-klieb li għandhom. Sfortunatament jekk ma jsibux għajnuna, ma jafux x'ħa jiġri minn dawn il-ħlejjaq li sfaw abbandunati.



Fil-jum li saret l- attività ġew ukoll nies mis-santwarju, u l-attività ġiet ffilmajta biex tidher fuq l-programm *Animal Diaries* biex jittieħed eżempju minn skejjel oħra u jorganizzaw attività simili. Ringrazzjament imur lis-Surmast li ma sab l-ebda diffikultà meta staqsejnieh biex norganizzaw din l-attività. Grazzi tmur ukoll għall-Kunsill tal-Istudenti li ħadmu ħafna biex jiġbru l-flus għal dan il-għan u għamlu brejks sħaħ b'ħidma sfiqa biex tinġabar somma sabiħa. Ringrazzjament ieħor imur għat-tfal li kkontribwixxew f'din l-attività u bis-saħħa tagħhom inġabret is-somma sabiħa ta' €500. Bħalma jgħidu, "Bħal ta' San Benedittu ħadd u qatt". Il-Benedittini dejjem lesti li jgħinu.



*Is-Sa J. Mallia*
Għalliema tal-Matematika

# MY EXPERIENCE IN THE TRASH FASHION COMPETITION









The TRASH Fashion competition held on 25th May at St. Clare's College Pembroke primary school was the first ever show of its kind to be organised in Malta. In all, we were 6 groups competing against each other. We all had to model garments which we made ourselves from materials which cannot be recycled. Our school was the youngest participant and my friends and I proudly presented 4 outfits. We won multiple prizes including: best bag, best



headgear, best shoes, best female outfit and best jacket. We also placed first overall and were presented with a €1,000 voucher sponsored by the Dizz group. The only prize we didn't win was best jewellery. Still, my friends and I are immensely proud of our achievements. Besides the amazing experience and the great satisfaction, we also made it on the Sunday Times! Since I was modelling the outfits, I got called for a photoshoot, wearing the garments we created. Needless to say, this was a truly wonderful opportunity for me! I would like to thank the other members in the group, Shania Ellul, Jesabel Mizzi and Nicole Gafà, our teacher, Ms Monalisa Muscat and of course our school. Thank you for this once in a lifetime opportunity!

*Sarah Scicluna*
Year 10.4

# IL-KUNSILL TAL-ISTUDENTI

Il-kunsill tal-istudenti din is-sena ħadem biex jagħti sehem fl-iskola. Ta' kull ġimgħa ltqajna biex flimkien niddiskutu sitwazzjonijiet u attivitajiet għall-istudenti kollha. Din is-sena mill-attivitajiet li għamilna bbenefikaw il-*Fondazzjoni Qalb it-tfal*, *Puttinu Cares* u anke l-*Marigold Foundation*. Organizzajna *Casual Days* u kull darba rnexxielna niġbru somma sabiħa ta' flus u dan kollu grazzi għall-istudenti u l-istaff. Tajna daqqa t'id ukoll fl-organizzazjoni tat-tqassim tal-ikel waqt il-*Language Week* fl-iskola. Għinna wkoll fil-ġbir tal-kotba b'donazzjoni għar-rokna tal-qari li għandna fil-*foyer.*

Ħdimna wkoll biex il-ħajja tal-istudenti fl-iskola tkun aħjar. Kull meta kellna xi suġġeriment dejjem sibna min jismagħna. Din is-sena bħala Kunsill tal-Istudenti kellna laqgħa mas-Sur Bondin u ddiskutejna xi suġġerimenti, fosthom biex niġu bit-*tracksuit* waqt l-eżamijiet biex inkunu aktar komdi u biex is-servizzi

iġeniċi fil-kmamar tal-banju ikunu aħjar. Infatti għamilna eżerċizzju, biex ngħinu lill-*handymen*, u għamilna lista tal-bżonnijiet tal-manutenzjoni. Hawnhekk nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjaw lis-Sur Bondin, il-Kap tal-Iskola, talli tana l-ħin u l-opportunità biex flimkien niddiskutu u nwettqu dawn is-suġġerimenti.



Student mill-Kunsill issuġġerixxa li nibagħtu ittra ta' sostenn lil *March For Our Lives*, grupp ta' studenti li jikkampanjaw kontra l-isparar fl-iskejjel ġewwa l-Amerika. Ktibnieha u bgħatnieha *(ara paġna 18)*.

Nixtiequ nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjaw lilkom kollha li b'xi mod jew ieħor tagħtuna esperjenza pożittiva u kompluta fl-iskola. Ċerti li l-istudenti kollha, jekk ikollhom rieda u determinazzjoni, se jaslu żgur għax it-triq qiegħda quddiem kull student u studenta, bit-tagħlim, l-opportunitajiet u l-għajnuna offruti għal kulhadd fl-iskola. Issa f'idejna kif se nimxuha. Nawguraw lill-istudenti kollha kull suċċess u ejjew naħdmu biex naslu fejn nixtiequ.

*Il-Kunsill tal-Istudenti*

## MIL-LIBRERIJA TAL-ISKOLA

Matul ix-xahar ta' Mejju, fil-librerija tal-iskola ġiet organizzata fiera tal-ktieb. Kienu ħafna dawk l-għalliema u l-istudenti li ġew fil-librerija biex jixtru l-kotba kemm għalihom kif ukoll bħala rigali. Ta' min ifakkar li l-ktieb hu postu dejjem u kullimkien, kemm bħala rigal kif ukoll għall-użu personali kemm fil-ħin liberu kif ukoll għall-istudju.




Dan ix-xahar ukoll komplejna nżidu l-ammont ta' kotba fil-librerija. Xtrajna numru ta' kotba bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Ħadd ma jista' jgerger li ma ssibx jew ma jeżistux kotba x'taqra għax l-ammont hu kbir u allura l-għażla hi waħda kbira u mhux dejjem faċli.




Is-surmast ta lil-librerija somma flus u aħna l-librara qegħdin naraw liema huma l-aħjar kotba li nistgħu nixtru għal-librerija. Kull min għandu xi suġġeriment, jista' jgħaddih lil wieħed mil-librara. Nixtiequ nfakkru li min issellef xi kotba mil-librerija, għandu jirritornahom matul ix-xahar ta' Ġunju u anke waqt il-ġbir tal-kotba fi żmien l-eżamijiet. Il-librerija fis-sajf se tkun miftuħa wkoll. Dettalji dwar dan se jingħataw aktar 'il quddiem.




*Is-Sur A. Dimech*
Għalliem-Librar

# PROMOTING PHYSICAL ACTIVITIES







We all know that regular physical activity helps reduce the risk of several diseases and ill-health conditions. We need our students to exercise more often and P.E. teachers strive to promote various sports and physical activities within the school setting. The aim is to increase daily participation in order to improve the quality of life.



During this scholastic year, the P.E. teachers have organised a variety of physical and outdoor activities to encourage students to be more active while having fun with their friends at school. These activities included sports clubs and tournaments during mid-day break, a Football Festival, Sports Day for each year group, water games for Form 5 students, trekking for Years 9 and 10 and Sportsfest for Years 9 and 10.

*P.E. Department*










# IS-SUĠĠETTI VOKAZZJONALI

Fl-iskola sekondarja fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu, isiru lezzjonijiet ta' suġġetti vokazzjonali. Dawn huma l-Informazzjoni Teknoloġika, l-Inġinerija, l-Ospitalità kif ukoll is-Saħħa u l-Ħarsien Soċjali.



Din is-sena, fl-iskola beda s-suġġett ġdid vokazzjonali tas-**Saħħa u l-Ħarsien Soċjali**. L-istudenti kellhom l-opportunità li jitgħallmu dwar aspetti differenti relatati mal-bniedem u l-iżvilupp tiegħu tul is-snin. Fost affarijiet oħra li ddiskutejna, tkellimna dwar kif il-ġisem jaħdem, kif niżviluppaw tul ħajjitna, kif ukoll fuq l-importanza li nieħdu ħsieb is-saħħa tagħna.

L-istudenti kellhom iċ-ċans li jiltaqgħu ma' infermiera li spjegatilhom kif għandek tiċċekkja t-temperatura, il-pressjoni kif ukoll il-polz. L-istudenti kellhom iċ-ċans li jagħmluhom huma stess u din kienet parti integrali mill-eżami tagħhom.

Iffukajna wkoll fuq kif għandna nieħdu ħsieb tarbija u persuni oħra li minħabba raġunijiet diversi, mhumiex mobbli. Għal dan il-għan, l-istudenti kellhom preżentazzjoni minn *midwife* fejn spjegatilhom fil-prattika kif għandek tieħu ħsieb tarbija tat-twelid.



Kellhom l-opportunità wkoll li jiltaqgħu ma' fiżjoterapista waqt il-lezzjonijiet fejn ġew murija kif tista' ċċaqlaq pazjenti li għandhom problema ta' mobbiltà, kemm bil-għajnuna tal-*wheelchair* kif ukoll tal-*hoist*.

Fis-snin li ġejjin l-istudenti se jkollhom iċ-ċans li jitgħallmu dwar mezzi differenti ta' komunikazzjoni, kif jagħtu l-ewwel għajnuna, kif ukoll dwar id-diversità u l-ekwità soċjali.

Dawn kollha se jkunu ta' għajnuna kemm fil-ħajja personali tagħhom, kif ukoll jekk ikunu jixtiequ jkomplu karriera fil-qasam tas-saħħa u l-ħarsien soċjali.

Il-'***Hospitality***' huwa suġġett li għandu x'jaqsam mal-qasam tat-turiżmu. Fi ftit kliem, l-istudenti jitgħallmu fuq aspetti differenti tat-turiżmu kif ukoll ma' kif it-turist għandu jiġi milqugħ u rispettat meta jkun qiegħed iżur pajjiż ieħor. Nitkellmu fost l-oħrajn fuq: tipi differenti ta' vjaġġar, kif it-turiżmu jaffetttwa l-ekonomija tal-pajjiż, fuq l-ikel u l-importanza ta' kif jiġi ppreżentat. Aktar tard niddiskutu





wkoll l-aspetti differenti ta' *customer care*. Isiru ħafna attivitajiet bħal żjarat f'lukandi, esperjenzi fejn jiltaqgħu ma' kokijiet li jispeċjalizzaw fuq ikel differenti, *role plays*, dimostrazzjoni t'attivitajiet li jsiru fil-qasam tat-turiżmu (bħal ngħidu aħna kif tilqa' klijenti minn pajjiżi differenti bħal Franza). Din is-sena l-istudenti kellhom iċ-ċans li jieħdu sehem fl-ippjanar tal-ktieb '*Tisjir mill-Qalb*'. Dan huwa suġġett vera utli għall-ħajja għax l-istudenti żgur u mhux forsi li ħa jagħmlu użu minnu.



Suġġett ieħor li l-istudenti jistgħu jagħżlu bħala *option* huwa s-suġġett tal-**Informazzjoni Teknoloġika** li jinkludi fih diversi aspetti b'mod prattiku.

L-istudenti tad-disa' sena jiffukaw l-istudji tagħhom fuq erba' aspetti, li jinkludu:



- l-użu ta' sistemi differenti ta' kompjuters;
- fiex tikkonsisti sistema ta' kompjuter;
- kif dokumenti u riżorsi bħal *printers* ikunu jistgħu jinfetħu jew jintużaw minn kompjuters differenti li jkunu mqabbda ma' *network*; u
- kif tipproteġi l-kompjuter tiegħek minn *malware* u theddid ieħor relatat mal-kompjuters u l-użu tal-*Internet.*

Din is-sena l-istudenti tad-disa' sena ngħataw l-opportunità li jibdew Diploma fl-Informazzjoni Teknoloġika mad-dipartiment tal-ICT fi ħdan l-MCAST. Matul din is-sena l-istudenti tgħallmu joħolqu *database* kif ukoll iqassmu u jagħżlu l-informazzjoni skont kif meħtieġ. Fost l-attivitajiet li ġew organizzati, l-istudenti kellhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' żewġ ħaddiema tal-KPMG Crimsonwing. Dawn spjegawlhom ix-xogħol li jagħmlu huma fejn jidħlu *databases* permezz ta' eżempji prattiċi.



Min-naħa l-oħra fl-għaxar sena (*Form 4*) l-istudji jiffukaw fuq l-użu u l-produzzjoni ta' diversi proġetti li jinvolvu l-multimedja. Tul il-lezzjonijiet l-istudenti jagħmlu riċerka dwar l-użu u l-importanza ta' sistemi multimedjali. Barra minn hekk, huma jitgħallmu jużaw diversi programmi li permezz tagħhom l-istudenti jistgħu joħolqu u jirranġaw stampi, animazzjonijiet, filmati, mużika u saħansitra websajts. Dawn il-proġetti kollha jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw il-kreattività tagħhom.



*...kompli fuq paġna 16*

*...ikompli minn paġna 15*

Fl-aħħar sena tas-sekondarja, fil-ħdax-il sena, l-istudji jirrelataw mal-installazzjoni ta’ *hardware*. Apparti l-installazzjoni nnifisha, l-istudenti jitgħallmu dwar il-proċeduri neċessarji fuq kif jistgħu jħarsu saħħithom u dik tal-kollegi tagħhom, filwaqt li jnaqqsu ċ-ċans li jagħmlu ħsara lill-*hardware*.

Kull qasam ta’ dan is-suġġett vokazzjonali qed jintlaqa’ tajjeb ferm mill-istudenti minħabba l-mod ta’ kif dan jiġi mgħallem u l-element qawwi ta’ prattika li tipprepara lill-istess studenti għal xogħlijiet differenti fil-qasam tal-informatika.



It-**Teknoloġija tal-Inġinerija** huwa suġġett ieħor vokazzjonali mgħallem fl-iskola sekondarja. L-għan tal-programm vokazzjonali fit-Teknoloġija tal-Inġinerija huwa li sa tmiem it-tliet *units*, l-istudenti jkunu jafu japplikaw l-għarfien u l-ħiliet biex jippreparaw l-ilbies protettiv meħtieġ skont ir-regolamenti, biex jagħmlu xogħol ta’ inġinerija partikolari filwaqt li jwettqu *Risk Assessment* f'ambjent ta’ inġinerija u jinterpretaw u jużaw dokumentazzjoni tal-inġinerija.




Barra minn dan, l-istudenti tal-għaxar sena studjaw dwar il-proprjetajiet ta tipi differenti ta' materjali ta’ inġinerija u proċessi ta' manifattura, wettqu testijiet biex jidentifikaw materjal ta’ inġinerija għal bżonnijiet speċifiċi, kif ukoll għażlu forom ta’ provvista adattati biex jimmanifatturaw komponent ta' inġinerija. Ma jonqosx li l-istudenti jużaw għodod differenti b'mod sigur u xieraq biex jipproduċu komponenti ta’ inġinerija.





L-istudenti tal-ħdax-il sena jiffukaw iktar fuq disinn ta’ ċirkwiti elettroniċi. Għalhekk, l-istudenti jinterpretaw ir-rappreżentazzjonijiet differenti taċ-ċirkwiti, jittestjaw u jsibu difetti jew ħsarat fiċ-ċirkwiti kif ukoll jibnu ċirkwiti elettroniċi.

Matul din is-sena, il-grupp tad-disa’ sena qiegħed ukoll isegwi programm bi sħubija mal-MCAST. Dan il-programm li qed isir wara l-ħin tal-iskola jipprepara lill-istudenti fl-oqsma ta’ sistemi mekkaniċi, sistemi tal-elettriku, refriġerazzjoni, ventilazzjoni u arja kkundizzjonata. F’parti minn dan il-programm l-istudenti żaru l-qasam tal-*Lufthansa Technik* biex josservaw it-tqassim tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà u teknoloġiji li jintużaw f’xogħlijiet tal-avjazzjoni.

Dawn is-suġġetti huma importanti għaliex fost raġunijiet oħra jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw kwalitajiet neċessarji fid-dinja tax-xogħol bħal ngħidu aħna r-responsabiltà, l-inizjattiva, l-immaniġġjar tal-ħin, il-flessibiltà kif ukoll il-kapaċità li taħdem f’tim.

*Għalliema tas-Suġġetti Vokazzjonali*

## TRAINING PROGRAMME 'CONSOLIDATING DEMOCRACY IN SCHOOLS'

### Chania and Athens 2018

On the 22nd of April, 2018, I had the opportunity to embark on a one week Erasmus+ project with the aim of reflecting on democracy in schools.



The project, which was held in Chania and in Athens, was divided in two phases. The first phase treated the issue of consolidating democracy in schools for a sustainable future: diversity-engagement and diversified teaching. In the second phase we worked on the concept of Athenian democracy in relation to global citizenship-institutions and places of the ancient Greek democracy.



The issue of democracy is at the basis of the Greek education system, considering the teachings of Plato and Socrates back in time in Athens. We discussed how democracy could be applied in our schools both in Malta and in Greece. A point worth mentioning is the challenges Greek schools are facing due to the fact that no one can interfere with whatever goes on in a class, not even the head of school. Therefore teachers teach for the exam. In this regard, we felt that in Malta we are definitely more progressive where it comes to pedagogy.






We had the opportunity to visit schools in Chania. On comparing these schools to ours we felt lucky to work in our modern Maltese schools since they still have dilapidated buildings which we would never dream of working in.

This experience was a fruitful one, not only because of the content covered, but also because of the opportunity to encounter other heads and assistant heads of schools working in Malta and share our experiences. I would recommend such an enriching experience to everyone because it broadens one's horizons.

*Mr M. Bugeja*
Assistant Head

# LETTER TO "MARCH FOR OUR LIVES"




St. Benedict College,
Secondary School,
Triq San Gwann,
Hal Kirkop. KKP 9011.
Malta

Friday 23rd March 2018

Dear Students of Marjory Stoneman Douglas High School,

We, the students of St. Benedict College Secondary School in Kirkop, Malta, would like to share our deepest condolences with you and your families. We may not know how it feels to lose so many dear friends at once; we may not have experienced the pain of having our friends ruthlessly torn away from our lives so suddenly and cruelly, and yet we feel a very strong connection between you and ourselves.

Although we are on the other side of the world, we are all teenagers; each one uniquely different from another but all united by a single, most important sentiment: love. Love surpasses the distance, the language barriers, and cultural differences present between us all. We cannot be physically present for your march in Washington DC on the 24th March, but in love and spirit, I am sure that we will all be present. We are with you, every step of the way.

Do not be afraid to sound your voice. Do not be afraid to have a voice. Do not settle for half. Change is needed in the world. Do not stop until you have accomplished what you have set out to do. If it is not you who will lead change, who will it be? Do not let others silence you. A teenager's voice is as valuable as any adult's. We are all human, we are all equal, whatever age, sexuality, race, religion and political views.

We, as citizens of the world and as human beings should not be afraid or silenced by any means; be it knives, guns, or other weapons. Do not let these frighten you. You have a weapon far more powerful than these; you have love. Let this love speak for you, and for your friends. Let this be relevant not only to your school shooting, but for any type of gun violence whenever the time and whatever the place. We will be with you every step of the way. All for one and one for all.

Whilst sharing our condolences, we wish you good luck on your journey and hope it will be fruitful for generations to come.

Gerard Zammit Young
On behalf of the Students' Council,
St. Benedict College Secondary School Kirkop

# KITBA ARGUMENTATTIVA

**Iż-żwiemel mhux posthom fit-toroq Maltin. Taqbel?**

Id-dibattitu dwar jekk iż-żwiemel għandhomx ikunu fit-toroq jew le, ilu għaddej għal ħafna żmien. Inti ġieli kellek xi inċident fit-triq minħabba xi żiemel? Inti favur jew kontra li ż-żwiemel ikunu fit-toroq Maltin?



Il-karozzin minn dejjem kien parti mill-kultura Maltija. It-turisti jieħdu gost b'xi dawra bil-karozzin mal-Belt Valletta, l-Imdina jew it-tlett ibliet tal-Kottonera. Il-kuċċiera jaqilgħu l-għajxien tagħhom bis-saħħa taż-żwiemel. Jekk iż-żwiemel jiġu pprojbiti mit-toroq, dawn in-nies jispiċċaw bla xogħol. Fl-imgħoddi, ma tantx kont tara karozzi fit-toroq daqskemm tara llum. Iż-żwiemel ma jniġġsux l-arja bħalma jagħmlu l-karozzi. Kieku naraw aktar żwiemel fit-triq u inqas karozzi, l-arja tkun aktar nadifa u pura.

Min-naħa l-oħra, hemm diversi żvantaġġi marbuta mal-fatt li fit-toroq Maltin ikun hemm iż-żwiemel. Min jaf kemm-il darba nisimgħu b'xi inċident minħabba ż-żwiemel. Ikun hemm nies li jispiċċaw iweġġgħu u f'ħafna mid-drabi, aktar iva milli le, jispiċċa biex iweġġa' ż-żiemel ukoll. Hemm bosta nies li meta jkunu qegħdin isuqu u jaraw żiemel ġej kontrihom, jibżgħu u dawn jistgħu jispiċċaw jitilfu l-kontroll tal-vettura tagħhom. Niftakru li ż-żiemel huwa annimal u m'għandekx kontroll fuqu. Matul ix-xhur tas-sajf, kemm-il darba nara xi żiemel għaddej fix-xemx u jkun nifsu maqtugħ u jkun qed ibati. Ma ninsewx li ma tistax iddoqq ħornijiet meta jkun hemm xi żiemel quddiemek għax dan jista' jisfratta u jikkawża xi inċident.





L-opinjoni tiegħi hija li ż-żwiemel mhumiex posthom fit-toroq Maltin għax aktar hemm żvantaġġi milli vantaġġi. Jien personalment nibża' miż-żwiemel u allura nippreferi li dawn jinstaqu biss fil-korsa tagħhom. Għalhekk, biex insolvu din il-problema u jonqsu l-inċidenti, nistgħu nipprovdu aktar żoni milli diġà għandna, fejn jistgħu jinstaqu ż-żwiemel ħalli maż-żmien nibqgħu napprezzawhom.

Bħal kull ħaġa oħra, kollox fih it-tajjeb u l-ħażin tiegħu. Żgur li d-diskussjoni dwar jekk iż-żwiemel humiex posthom fit-toroq Maltin hija diskussjoni taħraq u jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn l-opinjonijiet ta' kulħadd.

Kitba ta'
*Casey Polidano*
Klassi 10.7

Rubbing the sand out of my sore eyes and pushing myself out of the water is all I can remember now. I do not know how many days I've actually been in this place or how I've ended up here.



Good heavens! Pup! I forgot to tell you about this tiny puppy who came out of nowhere but who is keeping me company in an otherwise deserted and lonely place. At the moment, Pup is digging a hole in the sand. I tip-toe over behind him.

Pup has managed to throw a handful of sand in my face. I cough and frown. As soon as I open my eyes and am about to give him a piece of my mind, I see a large shiny piece of metal sticking out of the hole. I urge Pup to keep digging. I dig with my bare hands myself. Before I know it....



A bright red light shoots into our eyes. Pup and I back away and I gasp. He bounces around barking madly. Some smoke starts flooding out. In a matter of seconds, I can see a big metal capsule sitting on the sand right in front of us.



A small creaking sound and a big metal door opens. The capsule spreads out two large wings like an enormous bumble bee. Without any hesitation, Pup hops inside and I follow him closely. I hear a loud crash as we are thrown up into the air. Some water is leaking in the capsule. Luckily, the door flings open. I can hear people talking and some cars passing by as well.

To my disappointment, I realize that I am at the restroom of my school! Some students are giggling as the toilet has just flushed. It seems like I have come out of the water cistern! I recognize a friend of mine who has rushed to my side. She looks surprised but relieved to see me as she tells me that I had been gone for five days. I had even been reported missing on the local news!

I shrug and raise my eyebrows, pretending that all is fine. I make my way to class trying to convince myself it was all a dream. Then, I freeze on the spot as I hear a faint bark coming from my bag.

Emilie Marie Scicluna
Year 9.1

# VACANT PLANET

Proxim looked up. The mysterious item lowered down to his eye level. It was foreign, yet familiar, like he had seen a photo of a friend he hadn't seen in years. He didn't know why, but he wanted to touch it. So he did. For no reason he felt that he wanted to tell the strange object his greatest desires, worries, fears and anger. He felt that the object would listen and help him. He took a deep breath... and opened his mouth, ready to confess... Bzz, bzz. Suddenly the buzzing sound brought Proxim Centauri (the last inhabitant of a deserted planet, Vastum, commonly known as The Desolate) back to reality. He let out a long sigh knowing that no matter how hard he tried he would never get out of the dump he had to call home.

He came out of his resting chamber, and looked out the window of his survival capsule. The vast deserted land, caused by the centuries-long war between two opposite factions, sand storms and acid rains, stretched far and wide. The planet's population had either left or been killed in a cross-fire. Because of all of this the planet's air was nearly impossible to breathe, unless someone wore a filtration mask. As Proxim was pondering on his dream, he put on his suit and his filtration mask, ready to find some roots to eat for dinner. He got on his hover-scooter and started to depart from his shelter.

After some time of lazy strolls down the acid river he took out his Florar-scanner and started to search for roots (the only leftovers from the plants that had once grown here.) After about four minutes he found fifteen roots of moderate size. Proxim was about to go back home...when he saw something. About seventy six meters away from him he saw a yellow light. As he got closer it started to take a more clear shape. It was a space cruiser! And it only had some minor dents and a broken engine which could be easily fixed!

However, Proxim suddenly realized another thing. This ship needed a pilot, which meant there may be an injured person inside who would need immediate medical attention! He rushed to the ship at full speed and opened the ship's hatch to get in. When he was finally inside, he saw a middle aged man lying on the floor, with blood dripping from his chest. "Don't worry sir, I... I will try to help you... I will try to save you... somehow!" said Proxim. But it was too late, the man was dying before him. "Forget the ground and reach for the stars... that's the oath of a Star- Gazer" he said.



Piotr Bacia
Year 9.4





## Le Vacanze

Quest'estate sono andata per tre giorni a Roma, in Italia. Ho viaggiato con l' aereo, in autobus e in taxi.

In viaggio ho mangiato una pizza capricciosa e ho bevuto della limonata. Il viaggio è durato circa un' ora. Sono stata in un albergo grande e moderno a cinque stelle che si chiamava 'Hotel Baglioni'. C'erano una piscina riscaldata, un ristorante, una camera da letto singola e un bar. Era veramente fantastico!

Faceva caldo e c'era il sole. Durante le vacanze ho nuotato e ho scritto le cartoline. Il primo giorno ho visitato la Fontana di Trevi, il secondo giorno il Vaticano e il terzo ed ultimo giorno ho visitato il Foro Romano e il Colosseo.

Durante queste vacanze ho nuotato, ho scritto delle cartoline e ho giocato a tennis. Ho anche mangiato molti gelati.

Mi piace Roma perché la città è storica e veramente interessante. La gente è molto amichevole e il cibo è buonissimo!

*Leonora Tesi*
Year 9.3





## Mi vida en 2028

Tengo muchos sueños de como mi futuro va a ser. Espero que mi vida en 2028 sea maravillosa. Esto es como yo imagino mi futuro:

En el futuro viajaré por todo el mundo. Quiero ir a España, especialmente en Barcelona, porque es el lugar que me gusta más. Quiero seguir estudiando para poder conseguir un buen trabajo. Pienso que seré una comadrona, pero eso siempre puede cambiar.

Me gustaría ahorrar dinero para poder comprar una casa grande. Me gustaría tener un novio para que en el futuro puedo tener mi propia familia. Jugaremos juntos como hago ahora con mi familia. Trabajaré con mi familia también.

También me gustaría ser rica para que pueda comprar lo que quiero. Pero no importa lo que habrá, porque voy a tratar de hacer lo mejor de mi vida.

*Edelgail Zammit*
Year 10.5

**Mes projets pour l'avenir**



Pendant mon temps libre, je passe beaucoup de temps à penser à mes projets pour l'avenir. Voici certains d'entre eux.

D'abord, je voudrais réussir dans mes examens. Après, j'irai au lycée et à l'université pour continuer mes études. Je voudrais devenir médecin car j'aime bien aider les gens. Quand j'aurais fini, je voyagerai partout dans le monde. Je commencerai avec la France parce que j'ai toujours eu le rêve de visiter ce pays.

Plus tard, je prévois de commencer à travailler à l'hôpital. Je pense que je vais aimer mon travail parce que j'aime bien aider les malades. Quand j'aurai assez d'argent, je voudrais acheter une grande maison au milieu de la campagne. J'ai aussi l'intention d' acheter une voiture noire à la mode.



Peut-être plus tard, j'aurai une famille. Je ne voudrais pas beaucoup d'enfants parce que je ne suis pas très patiente. Dans l'ensemble, j'espère que j'aurai une vie pleine de positivité parce que je souhaite atteindre mes objectifs.

*Eiman Beshta*
Year 10.2



Hallo! Ich heiße Karissa Bugeja und ich bin dreizehn Jahre alt. Meine Familie besteht aus vier Personen. Meine Schwester heißt Mireya und ist elf Jahre alt.

Wir wohnen in Zurrieq. Das ist ein kleines Dorf im Süden von Malta und unser Haus ist groß und modern. Mein Lieblingszimmer ist mein Zimmer. Hier mache ich meine Hausaufgaben, lese interessante Bücher, zeichne schöne Bilder und spiele mit meinem Handy und Computer.



Ich habe viele Freunden, aber meine beste Freundin heißt Dasha. Sie ist dreizehn Jahre alt und wohnt in Ghaxaq. Sie hat braune, kurze, lockige Haare und sie ist mittelgroß.

Am Wochenende gehe ich mit meiner Familie oder mit meinen Freunden aus. Manchmal bleiben wir zu Hause und sehen zusammen einen Film.

*Karissa Bugeja*
Year 9.1




*Stampar:*

***CopyServ Ltd.***
*Triq il-Mimosa, il-Ħamrun*
☎ *77 940 904*
🖂 *info@copyservltd.com*

**Bord Editorjali:** Editur: *Claire Camilleri*
Disinn: *Adrian Galea*
Issettjar: *Jurgen Azzopardi*
Fotografija: *Għalliema varji*

Qari tal-Provi u tajpisti: *Desiree Dimech, Elizabeth Grech Scicluna, Evangeline Azzopardi, Francesco Bonello, Joseph Spiteri, Kirsty Callus, Sue Ellen Cachia.*